MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Numru. 460/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**
**Steven Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Steven Farrugia ta' 21 sena, bin Spiru u Anna Maria nee' Farrugia, imwieled Pieta' nhar is-7 t'Ottubru 1986, residenti Blk 1, Flat 2, Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' numru 450586(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a) Nhar it-8 ta' Mejju 2008 ghall-habta tal-5.00 pm, gewwa Triq is-Sebh, Qormi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq il-vettura numru tar-registrazzjoni IAH034 ghad-detriment ta' Frankie Falzon, liema hsara tiskorri il-valur ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin euro centezmi (1,164.69),

b) Fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq il-vettura numru tar-registrazzjoni BAJ448 ghad-detriment ta' Vincent Gauci, liema hsara tiskorri il-valur ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin euro centezmi (1,164.69),

c) Fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi kkagunajt lil Frankie Falzon u Vincent Gauci bizgha li ser tintuza xi vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom,

d) Volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-detriment ta' Frankie Falzon, Vincent Gauci u l-familji taghhom.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Mejju 2008 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li sehhet fit-8 ta' Mejju 2008 ghall-habta tal-5.00 pm f'razzett gewwa Triq is-Sebh, Hal-Qormi fejn saret hsara lil zewg vetturi, wahda bin-numru

tar-registrazzjoni IAH 034 propjeta’ ta’ Frankie Falzon u l-ohra bin-numru tar-registrazzjoni BAJ 448 propjeta’ ta’ Vincent Gauci. L-imputat jinsab akkuzat li kkaguna hsara volontarja fl-imsemmija zewg vetturi kif ukoll talli kkaguna fi Frankie Falzon u Vincent Gauci biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom u talli kiser il-buon ordni u paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet djametrikalment opposti dwar x’effettivament sehh dakinhar tat-8 ta’ Mejju 2008. Min-naha l-wahda Frankie Falzon u Vincent Gauci [1] jghidu li huma kienu qeghdin fir-razzett fejn sehh l-incident flimkien mal-imputat Steven Farrugia qed jiehdu drink meta l-imputat beda jghid xi kliem dispreggjattiv fil-konfronti tal-propjetarji tar-razzett u nqala’ argument bejn Frankie Falzon u l-imputat. Dejjem skond Gauci u Falzon l-imputat hareg barra u mar fil-vettura tieghu u huma rawh gej b’marlogg f’idu u bezghu u ghalhekk telqu jigru u ssakru gewwa kamra fir-razzett. Meta l-imputat ra hekk huwa qabad ikisser iz-zewg vetturi, u cioe’ dik ta’ Falzon u ta’ Gauci bil-marlogg. Alfred Falzon[2] li huwa missier Frankie Falzon, qal li huwa nzerta kien fir-razzett izda fil-bitha u ra lill-imputat ikisser il-vettura ta’ ibnu, li kienet parkeggjata gewwa r-razzett, bil-marlogg.

L-imputat min-naha l-ohra meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 19 u 20 tal-process qal li huwa kien ghaddej bil-vettura ma’ zewgt ihbieb mill-Bypass tal-Mriehel meta giet vettura tal-marka Isuzu minn warajh u bdew ipaqpulu l-horn. Huwa qal li talab lil siehbu Matthew li kien qed isuq sabiex iwaqqfu hdejn ir-razzett tax-Xiroll (ir-razzett fejn sehh l-incident) u nizel mill-vettura ma’ siehbu Kirsten. Il-vettura Isuzu baqghet diehla fir-razzett u hareg ghalih wiehed b’hadida f’idejh u fil-pront hargu Norton u Joseph Mizzi u ferquhom u mbaghad l-imputat jghid li ra vettura tal-marka Hyundai gejja lejh u huwa qabad gebla u tefaghha fuq il-bonnet u sussegwentement gew il-Pulizija fuq il-post.

---

[1] Li xehdu fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2008.
[2] Li wkoll xehed fis-7 ta’ Novembru 2008.

Mix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin[3], l-Ufficjal Prosekutur, jirrizulta li meta gie mitkellem l-ewwel darba l-imputat ta verzjoni ghal kollox differenti minn dik moghtija fl-istqarrija fejn huwa spjega li kien ir-razzett ma' Frankie Falzon u Vincent Gauci meta nqala' argument bejniethom rigward l-gharajjes rispettivi u meta huwa harab jigri u Falzon u Gauci bdew jigru warajh huwa ra lil dawn it-tnejn min-nies ikissru l-vetturi taghhom stess sabiex imbaghad iwahlu fih.

Ikkunsidrat:

Illi huwa principju ben stabbilit li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat. Fil-kaz odjern ghalkemm kif inghad aktar il-fuq jezisti kunflitt fil-provi l-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Frankie Falzon u Vincent Gauci u mhux dik moghtija mill-imputat. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet. L-ewwel u qabel kollox l-imputat kien ghal kollox inkonsistenti fil-verzjonijiet li ta lil Pulizija fejn l-ewwel qal li kienu l-istess Falzon u Gauci li kkagunaw il-hsara fil-vetturi rispettivi taghhom u dan sabiex imbaghad iwahlu fih u sussegwentement ivvitna storja shiha dwar kif kien ghaddej mill-Bypass tal-Mriehel akkompanjat minn zewgt ihbieb, li wiehed irid jinnota li ghalkemm l-imputat m'hu tenut li jipprova xejn izda naqas milli jiproduci bhala xhieda in sostenn tal-verzjoni tieghu u meta kien ikun fl-ahjar interess tieghu li jaghmel dan, u xi hadd f'Isuzu paqpaqlu l-horn u meta huwa waqaf fir-razzett tax-Xiroll hareg xi hadd ghalih b'hadida. F'din it-tieni verzjoni l-imputat jaccetta li kien tefa' l-kantun fuq il-vettura ta' Gauci izda qal li kien ghamel hekk sabiex jipprotegi lilu nnifsu u jichad li kien ikkaguna hsara fil-vettura ta' Falzon. Il-Qorti tirrileva ulterjorment li nonostante li l-imputat allega li huwa kien akkompanjat minn zewgt ihbieb huwa ma pproduciex lil dawn it-tnejn min-nies bhala xhieda izda minflok produca zewg xhieda ohra, Norton u Joseph Mizzi, li t-tnejn qalu li ma raw xejn. Il-Qorti qed taghzel li temmen lil Falzon u lil Gauci anki ghaliex il-Pulizija li

[3] Li wkoll xehed waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008.

marru fuq il-post, u cioe' PS772, PC1469 u PC1445[4] lkoll ikkonfermaw li meta waslu fuq il-post huma sabu lil Falzon u Gauci imsakrin f'kamra imbezzghin u lill-imputat barra hdejn il-vetturi.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat volontarjament ikkaguna hsara fiz-zewg vetturi propjeta' ta' Falzon u Gauci rispettivament kif ukoll li huwa kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza fil-konfronti ta' dawn tal-ahhar u li huwa kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta u ghalhekk jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda li ghandha tapplika l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fil-konfronti tal-imputat. Il-Qorti inoltre mhux ser tapplika l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali stante li il-vittmi pproducew biss stimi tal-hsarat minnhom sofferti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 251B u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Li lkoll xehdu waqt l-udjenza tal-29 ta' Jannar, 2009